# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 TA' LULJU, 2002**

**Avviz Numru 1379/02 AJD**
**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta**

**vs**

**Lizio Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Mejju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-korporazzjoni attrici is-somma ta' mija u sitta u sittin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm166.84) rapprezentnti kontijiet pendenti ghall-konsum tal-ilma u kera ta' meter tal-ilma li jammonta gal Lm4.85 u Lm169.99 ghall-kosum tal-elettriku u kera ghal meter tal-elettriku fil-fond 64, Triq il-Wied, Msida ghall-perijodu bejn it-2 ta' Dicembru 1989 sat-30 ta' Marzu 1990 skond il-kont numru 33507392(1) u d-dokument immarkat bhala Dook. WSC1.

Bl-ispejjes, inkluzi Lm8.50 tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju1997 u bl-

imghax kummercjali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Guido Pace Spadaro in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici is-somma ta' mija u sitta u sittin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm166.84) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju 1997 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**